

Brussell, 22 ta' Jannar 2015
(OR. en)

5347/15

ENER 11

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	16844/14 ENER 510 + ADD 1
Suġġett:	REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru .../.. ta' XXX li jistabbilixxi Kodiċi ta' Netwerk dwar ir-Regoli ta' Interoperabbiltà u Skambju tad-Data

1. Billi l-miżura prevista hija f'konformità mal-opinjoni tal-kumitat rilevanti, il-Kummissjoni ppreżentat l-abbozz ta' miżura¹ ta' hawn fuq lill-Kunsill għal skrutinju f'konformità mal-proċedura fl-Artikolu 5a(3)(a) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE². Wara li l-Kummissjoni ppreżentat l-abbozz ta' miżura fil-11 ta' Diċembru 2014, il-Kunsill għandu sal-11 ta' Marzu 2015 biex jiddeċiedi jekk jopponix l-adozzjoni.

¹ 16844/14 ENER 510 + ADD 1

² Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li ttipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni (ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23), kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Enerġija eżamina l-abbozz ta' miżura u qabel li ma hemm ebda raġuni biex il-Kunsill jopponi l-adozzjoni tagħha.³
3. Għalhekk, huwa ssuġġerit li l-Coreper jirrakkomanda li l-Kunsill jikkonferma li ma hemm ebda raġuni biex ikun hemm oppożizzjoni għall-abbozz ta' miżura. Dan jimplika li, dment li l-Parlament Ewropew ma jopponihex, il-Kummissjoni tista' tadotta l-miżura proposta f'konformità mal-Artikolu 5a(3)(d) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE.

³ L-Artikolu 5a(3)(b) jipprevedi li l-Kunsill jista', waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jopponi l-adozzjoni ta' tali miżuri għar-raġunijiet li huma jeċċedu s-setgħat tal-implimentazzjoni previsti fl-istrument bażiku, mhumex kompatibbli mal-għan jew il-kontenut tal-istrument bażiku jew ma jirrispettawx il-prinċipji tas-sussidjarjetà jew tal-proporzjonalità.